MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 284/2001/1

**It-Tabib Dottor John Cassar u**
**Marie xebba Cassar**
**V**
**Stanley Castillo**

**Il-Qorti,**
**Preliminari:**

Din hija procedura ta' ritrattazzjoni intavolata mill-atturi wara sentenza moghtija minn dina l-Qorti, kif diversament komposta, fis-6 ta' Ottubru, 2004 fil-proceduri fl-ismijiet fuq indikati.

Fir-rikors promotur intavolat fit-23 ta' Dicembru, 2004 qed jigi premess li bis-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2004, dina l-Qorti, kif dakinhar komposta, iddecidiet l-appell interpost mill-konvenut billi laqghet l-appell minnu maghmul kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' l-1 ta' Dicembru 2003 u b'hekk hassret u rrevokat is-sentenza appellata u konsegwentement cahdet it-talba ta' l-atturi appellati ghall-izgumbrament tal-konvenut mill-fond 243,

Main Street, Balzan u ordnat li l-ispejjes taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Fir-rikors promotur l-atturi jissostanzjaw hekk it-talba taghhom ghar-ritrattazzjoni:
"Illi l-istess sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tas-6 ta' Ottubru 2004 applikat il-ligi hazin a tenur tal-artikolu 811 (e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili peress li kuntrarjament ghal dak li rriteniet il-Qorti hawn non si tratta minn interpretazzjoni tal-ligi. Li skop tal-ligi, posittiva, l-kodifikazzjoni tal-ligijiet huwa proprju sabiex ma tithalliex f'idejn il-gudikant dik il-latitudni li jiddeciedi skond id-deskrizzjoni [*recte:* diskrezzjoni] tieghu. Il-ligijiet huma cari u meta l-ligi tkun cara m'hemmx lok ghall-uzu ta' diskuzzjoni (*sic*) interprettativa, ghaliex inkella ligi li hi cara, tigi mterpretata u r-rizultat ikun frustrazzjoni ta' l-istess ligi.

"Illi infatti huwa ben risaput li "meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni" (art. 1002, Kodici Civili). Dan il-principju japplika mhux biss ghall-kuntratti u l-konvenzjonijiet izda ukoll ghall-ligijiet. It-test tal-ligi fl-artikolu 12(3) tal-Kap 158 huwa car u l-konsegwenzi logici tieghu, huma cari wkoll. Li tipprova ggebbed is-sens sabiex tasal ghall-certi konkluzzjoni mhumiex interpretazzjoni izda applikazzjoni zbaljata tal-ligi. Meta wiehed jinterpreta b'mod normali t-test tal-artikolu 12(3) tal-Kap 158 abbinati mal-fatti tal-kawza l-konkluzzjoni logika / legali, id-deduzzjoni ta' dawl, il-provvedimenti jwasslu sabiex il-konvenut Stanley Castillo fil-mument tat-terminazzjoni tal-koncessjoni enfitewtika jispicca minghajr titolu ghaliex ma jinhakimx mill-provvedimenti tal-artikolu 12(3) tal-Kap 158."

Fuq din is-sottomissjoni l-atturi talbu li din il-Qorti:
a) Tirrevoka u tirrexxindi s-sentenza taghha moghti fil-gudizzju avviz numru 284/01 MM fl-ismijiet "It-Tabib Dottor John Cassar u Marie xebba Cassar vs Stanley Castillo" deciza minn din l-istess Qorti fis-6 ta' Ottubru 2004 ghar-ragunijiet fuq imsemmija.
b) Tordna s-smigh mill-gdid ta' l-istess kawza.

**Ikkunsidrat:**

L-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li "Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza" u fost ir-ragunijiet fejn tali talba ghandha tigi akkolta nsibu dak li hemm dispost fl-paragrafu (e) li qed jigi avvanzat mill-atturi bhala raguni ghar-ritrattazzjoni u cioe' meta "is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin." Biss il-ligi tkompli tipprovdi billi tispjega illi "ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, <u>fil-kaz biss</u> li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, <u>basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi</u>, li fuqha l-qorti tkun espressament tat-decizzjoni. (sottolinear ta' din il-Qorti).

Relevanti ukoll ghal kull talba ta' ritrattazzjoni msejjsa fuq il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12 hija dik il-parti ta' l-Artikolu 816 li, jitkellem dwar x'ghandu jkun fihom ic-citazzjoni jew ir-rikors f'talba simili u jiddisponi b'mod espress li "*meta r-raguni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata.*"

Minn dan naraw li ritrattazzjoni taht dan l-inciz mhux ammissibbli kemm-il darba s-sentenza:-

a) tkun applikat il-ligi tajba ghall-fatti rizultanti;
b) tkun interpretat dik il-ligi applikabbli ghal kaz, u
c) ma jkunx gie indikat liema provvediment tal-ligi kellu jigi applikat.

Mir-rikors promotorju jidher car li ma hemm ebda kontestazzjoni dwar il-fatti tal-kaz u ma hu qed jittressaq ebda ilment dwar il-ligi li giet applikata. Tant hu hekk li huwa ammess, anke fir-rikors promotur, li l-provvediment tal-ligi rilevanti ghall-kaz huwa l-Artkolu 12(3) tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta. Oltre dan ghandu jinghad li ma jissemma' ebda artikolu iehor li, fil-fehma tar-rikorrenti, kellu jigi applikat. In effetti l-ilment tar-rikorrenti huwa fis-sens li l-Qorti interpretat dan l-artikolu b'mod skorrett meta

mill-kliem tal-ligi ma kien hemm ebda htiega ta' interpretazzjoni.

Illi, kif sewwa qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tal-11 ta' Jannar, 1994 fil-kawza fl-ismijiet "Emmanuel Sultana et vs Anthony Cassar"[1] meta cahdet talba ghar-ritrattazzjoni fuq l-istess kawzali wara li ccitat b'approvazzjoni dak li kienet qalet l-istess Qorti in re. Xuereb utrinque tal-20 ta' Jannar, 1992 "*lanjanza bhal dik sollevata mir-ritrattant f'din il-kawza ma tistax tifforma raguni tajba ghall-fini ta' ritrattazzjoni in bazi ta' l-artikolu 811(e) tal-Kap 12 billi ma tinkwadrax ruhha fit-termini ta' l-istess ligi. Ir-rimedju ta' ritrattazzjoni ghandu dejjem jitqies u jittiehed bhala wiehed ta' indole straordinarja u r-regoli li jiggvernaw dan ir-rimedju eccezzjonali huma konsegwentement ta' interpretazzjoni stretta hafna".*

L-assenza tar-rekwizit kontemplat fl-Artikolu 816 fuq citat huwa bizzejjed biex din il-Qorti tichad immedjatament it-talba proposta f'dawn il-proceduri. Biss, ghal fini tal-kompletezza ghandu jinghad li, kuntrarjament ghal dak li qed jigi sottomess fir-rikors, il-kwistjoni kollha f'dawn il-proceduri dejjem kienet indirizzata lejn l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 12 tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement l-applikabbilita` tieghu ghal kaz in ezami. Tant hu hekk li fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-1 ta' Dicembru, 2003 dik il-Qorti qalet espressament hekk[2]: "*Wara li l-Qorti qieset l-argumenti tal-partijiet fin-noti rispettivi taghhom, issib illi n-nota maghmula mill-atturi taghmel aktar sens legali fl-isfond tat-tifsira tal-artikolu 12 tal-Kap 158*." Wara dan dik l-istess Qorti ghaddiet biex tinterpreta is-subartikolu (3) ta' l-istess artikolu b'mod li waslet ghal konkluzjoni li fit-terminazzjoni tal-koncessjoni enfitewtika l-konvenut ma kienx jiddetjeni l-fond b'titolu ta' lokazzjoni. Din is-sentenza giet appellata proprju fuq din l-interpretazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti u l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) wara ezami skjett u dettaljat ta' l-artikolu rilevanti u b'riferenza ukoll ghad-dibattiti parlamentari, waslet ghall-konkluzzjoni li l-interpretazzjoni li kellha tinghata ghal dan l-artikolu kellha

---

[1] Vol. LXXVIII.Pt.II Sez.I p. 13

[2] Pagina 76 tal-process – p. 5 tas-sentenza citata.

tkun differenti minn dik li kienet tat l-Qorti ta' Prim Istanza u konsegwentement akkoljit l-appell u cahdet it-talba attrici.

Ghalhekk jidher li l-gudikant filwaqt li applika l-ligi t-tajba ghac-cirkostanzi tal-kaz ta' l-interpretazzjoni tieghu ghal dik il-ligi partikulari. F'dawn ic-cirkostanzi mhux ammessa talba a tenur tal-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija r-rikors tal-atturi ritrattandi qed jigi michud billi infondat u dana bl-ispejjes kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------